MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Talba Numru. 141/2008

***Emanuel u Dorothy konjugi Debono
I.D. 365764(M)***

***Vs***

***Pietru Pawlu u Doreen konjugi Busuttil***

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tal-atturi li talbu li l-konvenuti jigu ddikjarati responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi meta l-konvenuti kkagunaw hsara fil-proprjeta’ ta’ l-atturi meta l-istess konvenuti kienu qedghin jaghmlu xogholijiet ta’ kostruzzjoni f’fond adjacenti li jmiss mal-proprjeta’ tal-atturi. L-atturi talbu lit-Tribunal jiddikjara illi d-danni sofferti mill-atturi jammontaw ghal tlett elef u hames Ewro u sebghin centezmi (€3,005.70). Huma talbu ukoll lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna l-konvenuti ihallsu l-atturi l-

ammont ta’ tlett elef u hames Ewro u sebghin Euro centezmi (€3,005.70) ghad-danni kkagunati.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jezistu l-ebda danni jew hsarat fil-proprjeta’ tal-atturi. Di piu’ u minghajr pregudizzju ghal premess, eccepew li huma l-istess atturi li kkagunaw hsarat u danni fil-proprjeta’ tal-konvenuti u ta’ dan qiedgha tigi pprezentata kontro-talba. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Ra l-kontro-talba tal-konvenuti li talbu lit-Tribunal jikkundanna lill-atturi ihallsu l-hlas dovut lill-konvenuti rigwardanti appogg, kif ukoll hlas rapprezentanti danni u hsarat ikkagunati minn perkolazzjoni ta’ ilma u xogholijiet li saru fil-proprjeta’ ta’ l-atturi. Huma iddikjaraw illi dan l-ammont ma jeccedix l-ammont ta’ tlett elef, erba’ mija u erba’ u disghin Ewro (€3,494). Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Risposta tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti illi ecceppew illi kwalsiasi pretensjoni illi l-intimati qed iressqu rigwardanti hlas ta’ appogg hija llum preskritta ai termini tal-Ligi.

Inoltre eccepew illi l-esponenti qatt m’ghamlu ebda hsara fil-kostruzzjoni tal-intimati kkagunata b’xi perkolazzjoni ta’ ilma. Illi di fatti kien proprju l-oppost u cioe’ li kienu l-intimati li kienu jitfghu l-ilmijiet mill-garaxx taghhom fil-proprjeta’ tal-eccipjenti.

Pero’, dan ilu li gara aktar minn tlettax-il sena ilu zgur u ghalhekk, anke f’dan ir-rigward kwalsiasi pretenzjoni ta’l-intimati hija ukoll preskritta.

Illi, fl-ahhar lok, l-eccipjenti ma jistghux jifhmu kif huma jistghu jigu kkundannati ihallsu lill-intimati xi ammont ghal xogholijiet li l-atturi ghamlu fil-proprjeta’ taghhom.

Ghalhekk, l-atturi talbu lil dan it-Tribunal jichad it-talbiet tal-intimati bl-ispejjez kontenuti fil-kontro-talba, kontra taghhom. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra x-xhieda tal-Perit Anton Valentino, li kien il-Perit li kien gie inkarigat mill-atturi biex jibni d-dar taghhom u cioe' *30, Clavel, Triq il-Gawhar, Safi* u jikkonferma r-rapport tieghu, kif ukoll l-istat tajjeb tal-proprjeta' tal-atturi.

Ighid li meta ghamel dan ir-rapport ma kienx ghamlu minhabba li kien ser jinbena proprjeta' magenb il-proprjeta' tal-atturi. Ighid li sakemm ghamel ir-rapport ma kienx sar l-izvilupp.

Ra x-xhieda tal-Perit Malcolm Sullivan, li kien gie inkarigat mill-atturi sabiex jaghmel "*condition report*," u dan kien sar fit-28 ta' Mejju, 2007, wara li l-atturi kien ilmentaw li kien dahlilhom hafna ilma u dan minhabba zvilupp gdid li kien qed isir adjacenti ghal proprjeta' taghhom.

Ir-ritratti jikkonferma li hadhom hu personalment.

Il-maggoranza tal-hsarat kienu ma' appogg wiehed, li huwa l-appogg li jmiss mal-hajt fejn sar l-izvilupp.

Kien hemm ammont ta' konsenturi u kien hemm indikazzjoni li kien dahal l-ilma u kien hemm umdita' u xi knaten maqsumin.
Dawn huma hsarat li jigru per konsegwenza ta' skavar li sar mal-hajt ta' l-appogg. Ix-xoghol ta' zvilupp sar fuq l-istess naha fejn sab il-hsarat.

Ra x-xhieda ta' Godfrey Dimech, li kien gie inkarigat mill-atturi sabiex jaghmel xoghol ta' tibjid fid-dar taghhom f'Hal Safi. Huwa ikkonferma li kien bajjad it-tromba minn gewwa, l-opramorta, "*shaft*," u kien anke dar il-bir. L-attur kien hallas aktar minn erba' mitt lira Maltin (Lm400) u cioe ekwivalenti ghal disa' mija u wiehed u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75).

Ra x-xhieda ta' Dr Frank Cassar, bhala Avukat difensur tal-atturi li kienu avvicinawh fuq ilmenti dwar hsarat. Kienu ttentaw jaslu ghal ftehim permezz ta' arbitragg, izda ma kienux irnexxu.

Ra x-xhieda tal-attur li ighid li l-konvenuti kienu applikaw sabiex jaghmlu xi xogholijiet ta’ kostruzzjoni fil-proprjeta’ taghhom u kien ghalhekk li kien inkariga perit sabiex jaghmel spezzjoni tad-dar tieghu u cioe’ *30, Clavel, Triq Gawhar, Safi* u dan kien ghal ahhar tas-sena 2005.

Il-Perit kien ikkonferma li l-proprjeta’ kienet mizmuma tajjeb.

Kien ghal habta ta’ Mejju-Gunju, 2006 li l-konvenuti bdew jaghmlu dawn ix-xogholijiet u kienu waqqghu l-istess garaxx, qattghu l-blat u bnew basement b’erba’ sulari fuqu.

Kien mar il-Perit Robert Musumeci ghandhom, mibghut mill-konvenuti u dan kien ikkonferma li l-proprjeta’ taghhom kienet fi stat tajjeb.

Kien baghat ghal Perit Musumeci ghat-tieni darba u dan meta ra konsenturi kbar hiergin fuq iz-zewg hitan ta’ appogg tad-dar tieghu.

Dan kien fl-istadju ta’ tqattiegh tal-blat da parti tal-konvenuti. Fuq parir tal-Perit Musumeci, l-konvenuti kienu gew mitluba sabiex ma jkomplux it-tqattiegh b’ingenji kbar. Ghal bidu l-konvenut kien qed jopponi u kien biss wara li l-attur heddu li kien ser ifittxu ghad-danni li waqaf juza’ l-ingenji kbar.

Waqt it-tqattiegh b’ingenji kbar, il-konvenuti ma kienux segwew id-distanza ta’ zewg piedi ‘l boghod mill-proprjeta’ tieghu u ghalhekk kienet saret il-hsara.

Sakemm il-konvenuti kienu bnew it-tieni sular, bdew hiergin aktar konsenturi bir-rizultat tat-tqabbid tas-soqfa tieghu mal-appogg tieghu u kienu ukoll caqalqu xi knaten.

Il-mara tieghu kienet tkellmet mal-haddiema u l-konvenut, li kienu marru fil-proprjeta’ immedjatament u wieghduha li kienu ser jiehdu hsieb li jirrangaw kollox, izda dan qatt ma sehh u sahansitra, kien dahal hafna ilma minn gol-fili li

kienu ghadhom mhux imkahhla u ghalhekk il-hsara kompliet tizdied.

Minhabba dawn ix-xogholijiet strutturali, l-attur ighid li soffra hsarat strutturali, fosthom il-bir kien ixxaqqaq u ma baqax izomm l-ilma, bil-konsegwenza li kien irranga l-bir bl-ispiza ta' hamsin lira Maltin (Lm50) u cioe' ekwivalenti ghal mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Peress ukoll, li l-konvenuti ma kienux zammew id-distanza ta' zewg piedi mill-proprjeta' tieghu kienu regghu dehru konsenturi fil-bir u tbattal mill-ilma. Ghalhekk kien inkariga lil Godfrey Dimech sabiex jerga' jbaqqan u jiksi l-bir, bl-ispiza ta' mija u sitta u tmenin Ewro u erbghin centezmu (€186.40).

L-attur jikkonferma, li minhabba l-hsarat li kellu, kellhom isiru xi xogholijiet ta' tiswija u dawn kien jikkonsistu fis-segwenti:-

(i) Rega' mela l-fili, bajjad l-appogg tan-naha l-ohra tad-dar, li ma tmissx mal-proprjeta' tal-konvenuti – spiza ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450,) ekwivalenti ghal elf u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22). Ix-xoghol kien sar minn Martin Agius u Joseph Caruana;

(ii) Mili ta' fili fl-opramorta u t-tromba, kif ukoll tibjid fl-intrata fuq gewwa, b'valur totali ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u cioe' ekwivalenti ghal erba mija u hamsa u sittin Ewro u sebgha u tmenin (Eur 465.87);

(iii) xiri ta' zebgha ghal ammont ta' mija u erbghin liri Maltin (Lm140) ekwivalenti ghal tlett mija sitta u ghoxrin Ewro u hdax-il centezmu (€326.11);

(iv) twahhil mill-gdid ta' l-iskirting tal-gallarijiet b'valur ta' erbghin lira Maltin (Lm40) u cioe' ekwivalenti ghal tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17);

(v) spejjez fl-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), ekwivalenti ghal hames mija tnejn u tmenin Ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34), sabiex isir xoghol ta’ ftuh u mili ta’ fili u xoghol ta’ zebgha fil-kamra tas-sodda u fil-basement.

(vi) kont pendenti tal-Perit Valentino fl-ammont ta’ mija u disgha u hamsin lira Maltin u tlettin centezmu (Lm159.30) ekwivalenti ghal tlett mija wiehed u sebghin Euro u sebgha centezmi (€371.06).

Kienet saret laqgha mal-konvenut u mal-Perit tal-atturi sabiex isir ftehim ghal hsarat li kienu gew ikkagunati lill-atturi u kienu ftehmu originarjament li l-konvenut ihallas l-ammont ta’ disa’ mitt lira Maltin (Lm900) u cioe’ ekkwivalenti ghal elfejn u sitta u disghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€2,096.44), izda mbaghad il-konvenut kien qal lill-attur li ma kienx dispost li jhallas izjed minn tlett mitt lira Maltin (Lm300) u cioe; ekwivalenti ghal sitt mia u disa u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81);

Kien sar tenattiv ghal arbitragg, izda lanqas hekk m’accetta l-konvenut.

Dwar il-**kontro-talba** tal-konvenuti ghal hlas ta’ appogg, l-attur jinsisti li kwalsiasi talba hija preskritta peress illi l-appogg tad-dar tieghu mal-proprjeta’ taghhom kien sar erbatax-il sena ilu. Inoltre, kien hemm ftehim bejniethom li peress li l-konvenuti kellhom biss garaxx mibni u kellu jibnu aktar ‘l quddiem, ghalhekk hadd ma kellu jhallas appogg.

Rigward hsarat li setghu gew kkagunati lill-konvenuti, jinneghom u ighid li ukoll apparti, li din it-talba hija preskritta, jibqa’ l-fatt li peress li l-proprjeta’ ta’ l-atturi kienet tinstab aktar fil-baxx, l-ilmijiet li kienu jitfghu l-konvenuti kien jispicca ghandhom. Jekk qed jallegaw ghal ilma mill-bir, il-bir kien bil-hsara per konsegwenza tax-xogholijiet strutturali tal-konvenuti.

Sa’ llum ghad hemm konsenturi jidhru fid-dar taghhom u kien ghad hemm xi knaten maqsumin.

Ra x-xhieda ta’ Dorothy Debono li kkonfermat ix-xhieda ta’ zewgha l-attur.

Ra x-xhieda ta’ Brian Gatt, li huwa direttur tas-socjeta’ *Rite Décor Limited* u li jispjega li kien gie inkarigat mill-attur sabiex jaghti stima tax-xogholijiet li xtaq jaghmel konsistenti f’kisi, tikhil, tibjid u skirting u dan peress li kienu saru xi xogholijiet strutturali li kienu kkagunawlu hsarat.

Ra x-xhieda ta’ Kenneth Farrugia li jikkonferma li kien bennej u kien ghamel xoghol lill-konvenut konsistenti f’demolizzjoni ta’ garaxx, kostruzzjoni ta’ garaxx iehor, maisonette u flat. Kien ghamel dan ix-xoghol ma’ huh Edmond Farrugia.

B’kollox ighid li dan ix-xoghol kien dam sejjer ghal madwar sena u jghid li ma kienx jaf dwar xi ilmenti fuq ix-xoghol.

Ighid li ma kienux huma li ghamlu x-xoghol ta’ demolizzjoni.

Ra x-xhieda ta’ Edmond Farrugia, li kien ukoll bennej li hadem ghand il-konvenuti.

Jispjega kif waqt li kien qed iqatta’ ingall, billi l-konvenut kien zamm il-hajt ta’ appogg, kienet infethet gonta fil-hajt ta’ l-appogg u kienu marru ghand l-atturi u kien jidher li kien hemm gebla mbuttata ‘l gewwa,

Ma setax jikkonferma jekk sarux it-tiswijiet opportuni u dan minhabba li peress li l-partijiet kienu jigu minn xulxin, kellhom jiftiehmu bejniethom.

Kien ghalhekk li kahhal il-fetha minn naha ta’ barra fuq in-naha tal-hajt tal-konvenuti.

Jikkonferma li kien hemm darba meta kien sab hajt maqlub ghal gol-bitha ta’ l-atturi.

Ra x-xhieda tal-konvenut, li jispjega li qabel is-sit tal-proprjeta' tieghu, kienet tikkonsisti f'mahzen u kien fl-2006 li kien applika mal-*Mepa*. Kien ottjena l-permess sabiex iwaqqa' l-mahzen u minflok jibni garaxx, maisonette, zewg flats u penthouse. Kellu ukoll permess sabiex iqatta' l-blat madwar tlett jew hames filati mit-triq.

Ghat-thaffir ighid li ntuzat is-sistema ta' *trenching,* li tinvolvi l-uzu ta' magna li tqatta' tmien pulzieri mit-tul minn mal-hitan divizorju u mbaghad tinzel kemm hemm bzonn u jinfaqa' l-blat bil-hymac.

B'hekk jigi evitati li jkun hemm hsara fil-proprjetajiet adjacenti.

Jispjega kif il-Perit Robert Musumeci, li kien il-perit tieghu, kien ghamel kuntatt mal-atturi, sabiex jispezzjona l-post taghhom u dan qabel ma bdew ix-xogholijiet. Il-Perit kien qallu li l-proprjeta' tal-atturi ma kienitx tinstab f'kondizzjoni tajba.

Il-Perit Musumeci, kien nizel fuq il-post, wara li rcieva telefonata minghand l-attur. Kien talbu sabiex ikompli jahdem b'magna izghar, ghax li kellu kienet kbira.

Il-konvenut jikkonferma li ma kienx zamm id-distanza, kif titrrikjedi l-Ligi fuq u dan minhabba l-hajt kien bnieh u ghalhekk kien jikkunsidrah tieghu. Meta l-attur kien bena basement, ma kienx zamm id-distanza meta kien nizel, mal-hajt ta' l-appogg u ghalhekk il-konvenut hass li kellu jaghmel l-istess haga.

Jikkonferma li ma kienx thallas appogg.

Ighid li waqt li kienu qed isiru x-xogholijiet, kien hemm xi konsenturi u ccaqalqu xi knaten. Il-konvenut kien ippropona li jirrangalhom l-gonta u jizboh il-hajt in kwistjoni, izda l-atturi kienu rrifjutaw ghaliex kienu ser jizbghu f'qasir zmien.

Il-konvenut jinsisti li l-proprjeta' tal-atturi ma kienitx saret skond is-sengha u l-arti. Ix-xhud jirreferi ghal fatt li kien kahhal il-fili fuq il-bejt, sabiex jevita l-penetrazzjoni ta' l-ilma. Dan sar fuq kull sular li kienu jibnu.

Jikkonferma li l-attur kien baghat il-perit tieghu fil-fond tal-konvenut li kien qed jinbena u dan minhabba li kien hemm konsenturi fil-proprjeta' tal-atturi. Il-konvenut insista mal-perit li l-fili ma kienux saru sew u mhux minhabba x-xogholijiet tieghu.
Minn meta kien mar il-perit u kien mar xi darbtejn b'kollox kien offrilhom li jhallas parti mill-hsarat li kellu.

Il-Perit kien ghamel proposta ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) u cioe' ekwivalenti ghal elf tlett mija sebgha u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,397.62), izda l-konvenut kien ried ihallas tlett mitt lira Maltin (Lm300) u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81).

Jispjega kif l-attur kien gab xi nies sabiex inaddfu l-post u jirrangawh u kien tah kont, li kien doppju ta' dak li talbu originarjament.

Kien jaf biss dwar l-ilmenti tal-konsenturi u xejn aktar minn hekk.

Jispjega li l-ammont mitlub mill-atturi ma kienx gustifikat u dan minhabba li kienu saru xogholijiet li saru fuq il-hajt ta' l-appogg, li jmiss man-naha l-ohra.

Il-konvenut ighid ukoll li ghandu hajt li kien madwar ghaxar filati 'l fuq mill-proprjeta' ta' l-atturi.

L-atturi ma kienux tawh permess sabiex jinzel minn naha taghhom halli ikahhal il-hajt, u ghalhekk baqa' espost, izda malli kien hemm ix-xita kien hemm penetrazzjoni ta' l-ilma.

L-ilma kien baqa' niezel sal-basement u kien dahal fil-planki u anke fit-tubi.

Il-konvenut ighid li qatt ma kien ircieva rcevuti tax-xoghilijiet li saru ghand l-atturi, izda l-kunrattur Martin Agius, ighid li ma kienx ta ricevuta lill-attur.

Il-konvenut jikkonferma li ma kienx zamm id-distanza legali u dan meta kien haffer minn mal-hajt ta'l-attur. Kienu uzaw magni kbar

Kien accetta li jaghti lill-atturi tlett mitt lira Maltin (Lm300) u cioe' ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81).

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

L-atturi qedghin jitolbu hlas ta' danni allegatament ikkagunti mill-konvenuti waqt li kienu qed jaghmlu xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-proprjeta' taghhom.

Il-konvenuti kellhom mahzen, li waqqghuh u minfloku bnew kostruzzjoni gdida. Dan il-mahzen, kien jinsab bejn il-proprjeta' tal-atturi u proprjeta' ta' oht il-konvenuta.

L-atturi gabu diversi provi li kienu juru l-istat tal-proprjeta' taghhom qabel mal-konvenuti bdew ix-xogholijiet taghhom. Il-Perit Valentino, li kien bena l-proprjeta' tal-atturi kkonferma li kienet tinstab fi stat tajjeb.

Kien biss wara li bdew ix-xogholijiet tal-konvenuti li lmentaw l-atturi. In sostenn, ta' dan l-atturi gabu diversi xhieda mill-Perit Sullivan, li ghamel "*condition report*" tal-fond ta' l-atturi, minhabba perkolazzjoni ta' l-ilma.

Ingabu provi li kien hemm konsenturi, knaten maqsumin, kif ukoll, kien hemm problemi ta' umdita' minhabba li kien dahal l-ilma.

L-atturi pprducew diversi xhieda, li fosthom kien hemm il-bajjad, il-periti, kif ukoll persuni ohra li kienu hadmu fil-

fond, proprjeta’ ta’ l-atturi u minn dan irrizulta li kien hemm l-aktar hsarat fuq il-hajt ta’ l-appogg fejn kien sar l-izvilupp.

L-atturi jaccennaw ghal fatt li kienu baghtu ghal Perit Musumeci, li kien il-Perit tal-konvenuti, minhabba li kienu qed jidhru l-konsenturi u fuq parir ta’ l-istess Perit, il-konvenuti kellhom jieqfu milli juzaw makkinarju kbir ghat-tqattiegh.

Il-konvenuti stess jikkonfermaw li kien sar dan is-suggeriment minghand il-Perit Musumeci, izda fl-ebda stadju tal-provi ma ressquh bhala xhud, anke sabiex jikkonferma li meta mar jispezzjona l-post ta’ l-atturi, ikkonstata li kien fi stat hazin, kif jallega l-konvenut fix-xhieda tieghu.

Dwar ix-xogholijiet riparatorji li saru fil-proprjeta’ tal-attur gew elenkati xogholijiet ta’ mili tal-fili, mili ta’ fili fl-opramorta u t-tromba, kif ukoll tibjid fl-intrata fuq gewwa, twahhil mill-gdid ta’ l-iskirting tal-gallarijiet, xoghol ta’ ftuh u mili ta’ fili u xoghol ta’ zebgha fil-kamra tas-sodda u fil-basement.

Il-konvenut jammetta li kien sar tentattiv sabiex jaslu ghal ftehim, pero’ ma kienx dispost li jhallas aktar minn tlett mitt lira Maltin (Lm300) u cioe’ ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) u minkejja li jikkontesta l-ammont ta’ danni li qed jigi mitlub, baqa’ ma gabx provi sabiex jikkontradixxi dak allegat mill-atturi.

Apparti minn hekk, jibqa’ l-fatt li hemm ammissjoni da parti tal-konvenut li ma kienx osserva d-distanza ta’ zewg piedi mill-proprjeta’ ta’l-atturi, kif tirrikjedi l-Ligi. Anzi, l-konvenut, donnu jipprova jiggustifika l-posizzjoni tieghu, billi jinsisti li la darba l-atturi ma kienux osservaw id-distanza ta’ zewg piedi meta kien nizlu mal-hajt ta’ l-appogg, sabiex jibnu l-basement.

Ghalhekk hass li seta’ jaghmel l-istess u dan a pregudizzju tal-atturi stess, ghaliex li kieku l-atturi kienu kkagunawlu danni, jekk verament ma kienux osservaw id-

distanza, l-konvenuti kien isemmi din il-kwistjoni, izda ma tqajjmitx.

Dwar l-appogg, l-attur jispjega li peress li l-konvenut minn dejjem kellu intenzjoni li jkompli jibni, kienu ftehmu li ma jithallsu ebda appoggi. L-attur jinsisti li kien ilu joqoghod fil-post ghal madwar erbatax-il sena u l-konvenut qatt ma talbu ghal hlas ta’ appogg, hlief permezz ta’ dina l-kawza.

Il-konvenuti kienu bdew jibnu biss fis-sena 2006 u qabel ma tqajjmet dina l-kwistjoni, huwa evidenti li ma kienitx saret talba ghal hlas ta’ appogg u t-Tribunal huwa konvint li din il-vertenza tqajjmet biss bhala konsegwenza ta’nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet, li wara kollox huma parentela. M’hemm provi sufficjenti li huwa dovut xi appogg.

Dwar it-tieni talba tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom, dan it-Tribunal jhoss li l-provi in sostenn ta’ dina l-allegazzjoni, li l-atturi kkagunaw danni lill-konvenuti, huma ghal kollox fjakki billi mhux sostnuti. Anzi, mill-provi tal-atturi hemm indikazzjoni konvincenti ghal dak li seta’ kien gara u cioe’ li probabbilment kien hemm perkolazzjoni ta’ l-ilma mill-bir taghhom , izda per konsegwenza tal-hsarat li gew ikkagunati mill-konvenuti.

Dwar il-kwantum mitlub mill-atturi, fin-nuqqas ta’ provi ohra, it-Triunal huwa soddisfatt li l-istess jirrizulta fondat.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti, filwaqt li jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-kontro-talba ta’ l-istess u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tlett elef u hames Ewro u sebghin Ewro centezmu (€3,005.70) ghad-danni kkagunati minhabba xogholijiet ta’ kostruzzjoni li saru fil-proprjeta’ tal-konvenuti, fond adjacenti ghal dak ta’ l-atturi. L-ispejjez kollha kemm dawk tal-istanza attrici kif ukoll tal-kontro-talba tal-konvenuti jibqghu a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------